# *FOLKLORE* MALTI *

## NINNI, NINNI

Din il-għanja li biha l-ommijiet, dari iktar mil-lum, kienu jħannu t-tfal biex jorqdu, qalithieli waħda xwejħa ta' dwar 70 sena, il-lum, Alla jaħfrilha, tinsab mejta. Ktibtha *kif qalithieli* mingħajr ma sewwejt xejn fiha, biex biha nati ħjiel sewwa ta' dawn ix-xorta ta' għanjiet Maltin qodma li l-lum kegħdin jintilfu u fil-bogħod li tismagħhom. Wara dawn, minn dawk li s'issa ġbart, bi ħsiebni nġib oħrajn: ġabra tal-ewwel poeżiji, għanjiet, kollha kemm huma ssibilhom vrejjes zopop u taqbil li jixxiebah fil-widna bla ma jaqbel sewwa u b'tidqis imħawwad, ta' qwiel u *isturnelli popolari.* Fuq kollox huma dejjem ħelwin u fihom 'l hawn 'l hinn xi frak ġawhri ta' dak il-ħsieb u qalb li kitbuhom jew għannewhom.

### TAĦNIN

Orqod, ibni, orqod
ġol-benniena tal-ħarir;
ommok Santa Klara,
missierek Sant'Wistin:
ħutek kollha l-kabuċċini,
missierek Ġesù Bambin.

*(Il-Madonna)* Orqod, ibni, orqod
biex ngħattik bix-xugaman.
*(Ġesù)* Matri, ma nistâx norqod
għax niftakar fil-musmar.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
ejjew wieħed u ħamsin,
biex teħduli 'l ibni magħkom,
biex tgħallmuh il-Matutin.

* Folklore. Żewġ kelmiet magħqudin flimkien, waħda mill-Ingliż Qadim *folc* u l-Ġermaniż *volk* u l-oħra mill-Ingliż Qadim *lar*, Olandiż *leer* u Ġermaniż *lehre*, qariba tal-kelma Ingliża *learn* (tgħallem). Tfisser: tifkiriet ta' qwiel drawwiet, seħrijiet eċċ. fost il-poplu li wirithom. Studju tagħhom.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
ejjew, intom, mija mija;
ħuduli 'l ibni magħkom
tgħallmuhuli l-litanija.

*(Il-Madonna)* Orqod, ibni, orqod.
Ngħattik bin-nofs maktur.
*(Ġesù)* (Qallha:) Matri, ma nistâx norqod,
għax niftakar fid-dulur.

Ejjew, Anġli tas-Sema,
ejjew Erwieħ Bëati,
ifirħu b'Karmnu tiegħi
għax ruħu 'l Alla jrid jati.

Il-ħrieqi ta' Ġesù Kristu,
minxurin fuq il-ħaxix;
mîn iġerri wara Kristu,
minn midneb isir Kaddis.

Il-ħrieqi ta' Gesù Kristu,
minxurin fuq il-gazzija;
Ġużeppi jbennen u jħannen
u Marija ġġiblu l-fisqija.

Il-ħrieqi ta' Gesù Kristu,
minxurin fuq ir-riħana;
Ġużeppi jbennen u jħannen
u Marija bih ferħana.

Ma' din inżidu dawn l-istrofi miġburin minn Luigi Bonelli fl-1895 u li nbagħad dehru stampati fi ktieb ċkejken taħt l-isem ta' "Saggi del Folklore dell'Isola di Malta."

"Orqod, ibni, orqod
fil-benniena tal-ħarir,—Laam.*
Dika ommok il-Madonna,
dak missierek il-Bambin.—
(jew San Ġwakkin)—Laam."

"Orqod, binti, orqod
biex la tikber tmur l-iskola;
illibsek libsa bajda
u minn fuqha polka vjola."

* Flok *nâm* (orqod).

"Li kont naf nagħasek fejnu
kemm kont niġri mmur għalih;
ġewwa karta bajda nsorru,
'l ibni ċ-ċkejken niġi ntih.

"Ejja, nagħsu, ejja,
ejja mill-bogħ'd għajjien,
biex traqqadli 'l ibni ċ-ċkejken
ħalli minnu nistrieħ jien.

Orqod, ibni, orqod
fil-benniena tal-ħarir eċċ.

"Li kont naf is-sabar fejnu,
kont ngħidlu: sabar, sabbarni;
is-sabar b'idejja nieħdu,
għax ħabbejt lil min ħaqarni."

Fl-aħħar inżidu din l-oħra li qalhieli Mosê, il-kompożitur tal-*Malti*, kif ftakarha minn mindu tifel kienet iġġiegħlu jgħidha nanntu qabel ma jorqod.

"Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ.
Se' norqod u nirpoża,
noffri ruħi 'l Santa Roża.

Sodda, salib,
imħadda, Kuruna:

min iħobb lill-Bambin ċkejken
ikollu xorti fil-ventura".

## SKUNĠRAR U RIQI

Kif qalithieli waħda mara minn Ħaż-Żabbar. Barra mill-*ħatem tal-Qarnita* li, chif jaħsbu, ineħħi l-qarnita tal-għajn, jingħadu wkoll dawn il-kelmiet imqabbla, li kif ***jaħsbu***

ukoll, għandhom is-setgħa jfejku l-mard tal-għajnejn u jneħħu il-qarnita, b'salib li jsir fuq tebqet il-għajn.

"Salib *in Dew*, salib *in Dew*,
San Mattija u San Mattew.
Imxejt max-xtajta x-xtajta,
sibt il-Bambin fuq il-blajta;
qalli, "binti, x'għandek?"
—"Għandi wġigħ l-għajnejn."
Qalli: "Mur fil-ġnejna tiegħi;
hemm busbiesa ħelwa, ħelwa;
żrajtha b'idejja,
saqqejtha bi dmugħ għajnejja."
jaqa' u ma jaqax,
baħar abjad ma jarax.

Santa Margerita,
tneħħi l-għabra u l-qarnita.
Il-qarnita nitfgħuha l-baħar
u l-għabra nitfgħuha r-raħal.

A. C.